MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2006

Numru 108/2005

**Avukat Peter Fenech għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera *The Timberland Company***

***Versus***

**Avukat Tonio Azzopardi u P.L. Luisa Tufigno maħtura b'dikriet tal-21 ta' Frar 2005 kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà estera *Trust Bank Setif Algeria* u lil *Eurl Leiris El Uelma Algeria***

Din il-kawża hija dwar proprjetà industrijali.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi s-soċjetà attriċi hija s-sid tad-drittijiet reġistrati bħala *trademarks* ma' l-Uffiċċju tal-Proprjetà Industrijali magħrufa bħala *Timberland* u *Tree Logo*. Dawn id-drittijiet kienu ġew reġistrati l-ewwel darba fit-12 ta' Mejju 1997.

Fl-10 ta' Diċembru 2004 fil-Port Ħieles ta' Marsaxlokk daħal *contaniner* fuq il-vapur *CMA-CGM Debussy* li kien fih ħamsa u tletin (35) kaxxa tal-kartun u kull kaxxa kien fiha madwar tnax-il par żarbun, kollha tal-marka

*Timberland*, li s-soċjetà attriċi kellha għax taħseb li kienu foloz. Mill-kampjuni li ttieħdu ħareġ illi ż-żraben kienu nħadmu u esportati mingħajr l-awtorizzazzjoni tas-soċjetà attriċi, u t-*trademarks* miġjuba fuq il-kaxex taż-żraben kienu foloz.

L-attriċi għalhekk talbet lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex iżomm il-merkanzija ġewwa Malta sakemm, kif irid l-art. 7 tal-Kap. 414 tal-Liġijiet, hija tmexxi b'kawża ċivili għal deċiżjoni dwar in-natura tal-merkanzija miżmuma. Il-merkanzija nqabdet mill-Port Ħieles u l-Kontrollur tad-Dwana jaf illi l-konsenjatarju huwa *Trust Bank Setif Algeria* u n-*notify party* huwa *Eurl Leiris El Eulma Algeria*, skond il-polza tal-kariku.

Is-soċjetà attriċi issa fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konsenja ta' żraben tal-marki *Timberland* u *Tree Logo* misjuba fil-*container* li wasal fil-Port Ħieles fuq il-vapur *CMA-CGM Debussy* hija falza;
2. tgħid illi l-produzzjoni ta' dawn iż-żraben minn terzi persuni mhux magħrufa jikser id-drittijiet tas-soċjetà attriċi bħala sid reġistrat, skond il-liġi, tal-marki *Timberland* u *Tree Logo*; u
3. tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lill-Pulizija Esekuttiva sabiex, fil-preżenza ta' rappreżentanti tas-soċjetà attriċi, jeqirdu ż-żraben foloz fi żmien qasir u perentorju li tiffissa l-qorti.

Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż, fosthom l-imgħaxijiet fuq id-depożitu li kellu jsir sabiex il-merkanzija nżammet Malta mill-Kontrollur tad-Dwana, l-ispejjeż sabiex il-*container* u l-merkanzija nżammu mid-Dpartiment tad-Dwana, u l-ispejjeż sabiex tinqered l-merkanzija falza.

Il-kuraturi maħtura biex jidhru f'isem il-konvenuti, li huma assenti minn Malta, wieġbu li ma jafux il-fatti tal-każ.

Mix-xhieda mressqa mis-soċjetà attriċi ħareġ illi ż-żraben, għalkemm għandhom il-marka tas-soċjetà attriċi, ma humiex ġenwini, u huma bi ksur tal-jeddijiet ta' proprjetà indistrijali ta' l-attriċi. Għalhekk it-talbiet ta' l-attriċi għandhom jintlaqgħu.

Għal din ir-raġuni l-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tgħid illi l-konsenja ta' żraben tal-marki *Timberland* u *Tree Logo* misjuba fil-*container* li wasal fil-Port Ħieles fuq il-vapur *CMA-CGM Debussy* hija falza, u saret bi ksur tal-jeddijiet

ta’ proprjetà industrijali tas-soċjetà attriċi, tagħti lill-Kontrollur tad-Dwana, jekk meħtieġ bil-għajnuna tal-Pulizija Esekuttiva, is-setgħa li minnufih jeqred il-konsenja fil-preżenza ta’ rappreżentanti tas-soċjetà attriċi.

Tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża u dawk mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------